# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## ta' l-24 ta' April 2007

## dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005

(2008/534/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet finali annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u partikularment l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 23 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u partikularment l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0119/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005, huma kif ġej:

**Kont ta' dħul u nfiq għas-sena finanzjarja 2005** ([1])

*(f'EUR)*

| | 2005 |
|---|---|
| **DĦUL** | |
| Is-Sussidju tal-Kummissjoni (għall-baġit tat-tħaddim ta' l-aġenzija) | 3 402 280,45 |
| Dħul tal-miżati | |
| Dħul ieħor | |
| **DĦUL TOTALI (a)** | **3 402 280,45** |

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 31.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 54.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L OJ L 142, 30.4.2004, p. 1.
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

*(f'EUR)*

| | 2005 |
|---|---|
| **NEFQA** | |
| *Titolu I:l-Istaff Ħlasijiet* | |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | - 500 909,02 |
| *Titolu II: Nefqa amministrattiva* | - 361 771,74 |
| Ħlasijiet | |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | - 597 024,15 |
| *Titolu III: Nefqa tat-tħaddim* | - 534 581,62 |
| Ħlasijiet | |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | - 69 773,55 |
| | - 540 654,36 |
| **NEFQA TOTALI (b)** | **- 2 604 714,44** |
| **RIŻULTAT TAL-BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA (a - b)** | **797 566,01** |
| Kanċellażżjoni ta' pagamenti li ma ntużawx trasferiti mis-snin ta' qabel | |
| Aġġustament għat-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet mis-snin ta' qabel disponibbli għal 31.12 li ġejjin minn dħul assenjat | |
| Differenzi tal-kambju għas-sena (dħul +/- telf-) | - 10 168,55 |
| **Bilanċ ta' l-implimentazzjoni baġitarja għas-sena finanzjarja** | **787 397,46** |
| Parti mis-sussidju biex jiġi rimbusat lill-E.C. | - 787 397,46 |
| **L-impatt fuq l-Assi** | |
| L-impatt fuq l-Assi u d-deprezzament | 222 011,07 |
| **L-impatt fuq id-Dovuti tas-sena** | |
| Trasferimenti | 1 437 007,72 |
| Dovuti | - 363 538,58 |
| **Aġġustamenti oħra** | - 448 377,86 |
| Il-passiv pendenti | 20 636,80 |
| Pagamenti bil-quddiem & spejjeż differiti | 63 108,90 |
| Tranżitu ta'merkanzija | - 8 490,00 |
| Pagamenti ta' servizzi fuq kummissjoni | 31 250,85 |
| Dħul eċċezzjonali | **953 608,90** |
| **Riżultati ta' l-aġġustamenti ekonomiċi għas-sena finanzjarja (e)** | |

([1]) Figuri tas-sena 2005 biss minhabba li hija Aġenzija li għadha kemm ġiet mwaqqfa.

*NR* – Varjazzjonijiet fit-totali ġejjin mill-fatt li n-numri tnaqqsu jew żdiedu sa l-eqreb numru shih.

Data ta' l-Aġenzija *Sors* – Din it-tabella tagħti sommarju tad-data fornuta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2005

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, lid-direttur eżekuttv taċ-Ċentru tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (Serje L).

*Il-President* — *Is-Segretarju Ġenerali*

Hans-Gert PÖTTERING — Harald RØMER